# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**Seduta numru 36 tas-7 Leġislatura**
**L-Erbgħa 16 ta' Diċembru, 2015**

## MINUTI

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 36 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2015, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ tal-Offerti u Kwotazzjonijiet
5. Tnehdija tal-Ktieb ta' Dr Trump
6. Ismijiet tat-Toroq Rurali fl-Imġarr
7. Performance Review tal-Ħaddiema tal-Kunsill għas-sena 2015
8. Affarijiet Mixxelanji

Għall-din is-Seduta kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsilliera Elizabeth Ebejer u Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Clayton Gauci u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Sarah Chetcuti kien skużati.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Paul Vella.

### 1 Minuti

1.2 *Punti mill-Minuti:* Eman Vella ta update fuq il-proġett tal-Miżura 313 u semma kif issa jmiss lill-ARPA (Agriculture & Rural Paying Agency) sabiex jgħaddu il-flus fil-kont bankarji tal-proġett (BOV Mosta) sabiex isiru il-ħlasijiet dovuti lill-kuntratturi u mbgħad jingħalaq ir- rapport.

**1.1** Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati.

**2. Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li min tagħrif li għandu il-Kunsill, jirriżulta li l-applikazzjoni għall-proġett tat-Town Twinning kienet qiegħda fuq il-Waiting List.

3.2 Is-Sindku esprima id-dispjaċir tiegħu dwar ir-rottot il-ġodda li kien tħabbru minn Transport Malta għall- u mill-Imġarr. Kienu bosta ir-residenti li urew l-istess dispjaċir u lmentaw mal-Kunsill dwar dan. Il-Kunsill qabel li kellu tinħareġ stqarrija fuq il-mezzi tax-xandir dwar dan.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li l-ħaddiem tal-ETC, Stephen Micallef kien spiċċa min fuq ir-Reġistru u għalhekk ma kienx ser jirrapporta aktar għax-xogħol.

3.4 Is-Sindku ta aktar dettalji dwar l-introduzzjoni tal-ġbir tal-iskart organiku li ser jibda' fl-Imġarr fid-29 ta' Jannar 2016. Informa li l-Wasteserv ser ikunu qed idur bieb bieb sabiex jinfurmaw u jedukaw lir-residenti dwar dan is-servizz.

3.5 Is-Sindku informa li il-Kunsill kien ingħata ċertifikat għall-parteċipazzjoni tiegħu fil-Konkors Frans Sammut. Fis-serata tal-premjazzjoni, il-Kunsiller Elizabeth Ebejer irrapprezentat lill-Kunsill.

3.6 Elizabeth Ebejer infurmat li kienet attendiet f' isem il-Kunsill għall-laqgħa dwar proġetti ta' sħab bejn il-Kunsilli Lokali u Small & Medium Enterprises (SMEs).

**4. Ftuħ tal-Offerti u Kwotazzjonijiet**

4.1 Peress li dak in-nhar tas-seduta kienet tgħalaq is-sejħa għall-offerti u kwotazzjonijiet, is-Segretarju Eżekuttiv, fil-preżenza tas-Sindku u l-Viċi Sindku fetaħ il-kaxxa tal-offerta u ressaq il-kontenut tagħha quddiem il-Kunsill. Il-ftuħ tal-offerti saru immedjatament wara. Dawn huma l-offerti li irċieva il-Kunsill taħt din is-sejħa.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

4.2 **TENDER MGR 2015/08 - *Installazzjoni ta' Turf Artifiċjali fil-Post ta' Rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ġublew, l-Imġarr***
Għal din is-sejħa, il-Kunsill irċieva offerta waħda biss, mingħand Projekte Global Limited. Din l-offerta ser tingħata lill-Perit tal-Kunsill, Etienne Magri, sabiex tiġi studjata.

4.3 **TENDER MGR 2015/*09 - Servizz ta' Ko-Ordinatur tal-Proġetti tal-Unjoni Ewropeja***
Għal din is-sejħa, il-Kunsill iċieva żewġ offerti : mingħand Nexia BT u mingħand MS-Three Ltd. Peress li din l-offerta inħarġet bis-sistema tal-*Most Economically Advantageous Tender* (MEAT), ser jissejjaħ bord apposta sabiex jevalwa dawn l-offerti. Dan il-Bord ser jikkonsisti mis-Sur Adrian Midfsud mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, is-Sur Eman Vella Deputat Sindku u is-Sur Cyprian Dalli, Segretarju Eżekuttiv.

4.4 **KWOTAZZJONI 2015/*K03 - Manutenzjoni tal-aperturi tal-Injam fil-Librerija Pubblika ta' l-Imġarr***
Għall-din is-sejħa, il-Kunsill irċieva kwotazzjoni waħda, mingħand Armstrong Woodworks Ltd. Din l-offerta ġiet evalwata u kien hemm qbil li din il-kwotazzjoni tiġi aċċettata.

## 5. Tnehdija tal-Ktieb ta' Dr Trump

5.1 Bħalma diġa' kien mifthiem, it-tnehdija tal-ktieb ta' Dr David H. Trump dwar l-iskavi ta' Skorba ser issir il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2015 fil-bini tal-Kunsill.

5.2 Dak in-nhar ser isiru diskorsi qosra mis-Sur Mario Vassallo, Dr Ruben Grima, is-Sur Daniel Cilia u Dr. Trump. Wara ser isir bibita fl-istess bini tal-Kunsill.

## 6. Ismijiet ta' Toroq Rurali fl-Imġarr

6.1 Il-Kunsill iddiskuta proposta sabiex numru ta' toroq bla isem jingħataw isem u dawn jiġu mressqa lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq. Dawn it-toroq/zoni huma :

- Inħawi tal-Ballut : għallissa il-Kunsill ser jistenna dwar dan is-sit;
- Triq tal-Faċċol;
- Triq il-Qanfud;
- Sqaq Randun;
- Sqaq id-Deru;
- Bokka taċ-Ċarċara : għallissa il-Kunsill ser jistenna dwar dan is-sit;
- Triq tal-Qala`;
- Triq Riħ il-Barriera.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


6.2 L-ismijiet ta' dawk it-toroq li kien hemm qbil fuqhom ser jintbgħatu lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq għall-attenzjoni u l-approvazzjoni.

**7. Performance Review tal-Ħaddiema tal-Kunsill għas-sena 2015**

7.1 Peress li din kienet l-aħħar seduta tal-Kunsill għas-sena 2015, ġew imressqa il-Performance Review tal-Ħaddiema.

7.2 Il-Kunsill approva il-Performance Bonus hekk kif jidher hawn taħt :

- Dorianne Mifsud : 6%
- Natasha Cassar : 6%
- Cyprian Dalli : 10%

7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv, f' ismu u f' isem il-ħaddiema l-oħra, irringrazzja lill-Kunsill.

**8. Affarijiet Mixxellanji**

8.1 Elizabeth Ebejer staqsiet x' kien ġara mill-proġett tal-Via Sagra. Is-Sindku informa li għalissa ma kienx hemm ħsieb li dan jitwettaq minħabba nuqqas ta' fondi.

8.2 Elizabeth Ebejer uriet il fehma tagħha li d-dwal tal-Milied inxtegħel tard din is-sena. Ser tittieħed nota biex is-sena d-dieħla dan jinxtel qabel.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 6 ta' Jannar 2016 fil-5:00pm.

*Cyprian Dalli*
Segretarju Ezekuttiv

*Paul Vella*
Sindku